# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 13 ta’ Lulju, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 695/06 JPG**

**Wara d-digriet tas-27 ta’ Lulju 2006,
Fl-atti tac-cedola ta’ depozitu Numru 608/2006
Malta Motorways of the Seas Limited**

**v.**

**Emanuel Azzopardi, Joseph Borg, Mark Chapelle, Dominic Galea, Noel Galea, Abdullah Ghassan, Carmel Grech, John Grima, Gerth Lapira, Marco Portelli, Allah Shawkat, Herman Thornton, Ronald Vella, Victor Vento, Julius Abdilla, Joseph Attard, Anthony Azzopardi 16858G, Anthony Azzopardi 929346M,
Brian Azzopardi, Carmel Azzopardi, Mario Azzopardi, Steven Bonello,
John Bonnici, Richard Borg,
Carmel Carabott u b’digriet tat-3 ta’ April 2019 stante l-mewt ta’ Carmel Carbott l-atti gew trasfuzi f’isem il-mara tieghu Jane Carabott u t-tlett itfal Owen John, Gordon u Tyrone ahwa Carabott, Lawrence Caruana, Eugene Cutajar, George Falzon, Mario Frendo, Joseph Gafa, Carmel Gatt, John Gulia, Edwin Hibs, Mario Lagana, Louis Micallef, Anthony Mizzi, John Schiavone, Emanuel Scicluna, Gaetano Theuma,**

**Anthony Vella u b'digriet tat-3 ta' April 2019 stante l-mewt ta' Anthony Vella l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi Massimo, Sandro u Stefan ahwa Agius u f'isem l-uzufruttwarja Rose Mary Vella, Saviour Xuereb, Neil Marshall, Rosario Zahra, Paul Agius u b'digriet tat-3 ta' April 2019 stante l-mewt ta' Paul Agius l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi Roger, Edward, Dominic u Sister Marica, Raymond Zahra u fil-mori tal-appell assuma l-atti l-Ministru tal-Finanzi li gie surrogat fid-drittijiet tal-ekwipagg u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2020 l-isem inbidel minn Ministru ghall-Finanzi ghall-Ministru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji**

**v.**

**Sea Malta Limited u b'digriet tat-28 ta'Frar 2014 Konkors tal-Kredituri tal-Vapur M/V Maltese Falcon wara c-cedola ta' depozitu numru: 608/2006 Emanuel Azzopardi et**

**v.**

**Sea Malta Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn proceduri ta' konkors ta' kredituri wara l-bejgh tal-vapur M/V Maltese Falcon gia proprjeta` ta' Sea Malta Limited lil Malta Motorways of the Seas Limited fl-1 ta' Gunju 2006 u l-konsegwenti depozitu tal-prezz ta' Lm 1,750,000 (€4,676,403.45) b'cedola ta' depozitu fejn ivvantaw jeddijiet privileggjati fuq din is-somma. Il-kredituri huma:

   i. Bank of Valletta p.l.c.

   ii. Emanuel Azzopardi et, cioe` l-ekwipagg tal-bastiment

iii. L-Awtorita` Marittima ta' Malta (illum Awtorita` ghat-Trasport f'Malta)

iv. Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela stralcjarji

v. Kummissarju llum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

2. Wara li l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-provi u r-relazzjonijiet peritali waslet ghal konkluzzjoni li l-gradwazzjoni tal-kredituri kellha ssir kif gej, cioe`:

Fl-ewwel grad: spejjez gudizzjarji rigwardanti l-bejgh tal-bastiment u l-qsim tar-rikavat.

Fit-tieni grad: kreditu tal-istralcjarji ghall-hlas ta' Registration fees tal-bastiment imhallsa lill-Awtorita` Marittima.

Fit-tielet grad: Il-kreditu tal-Awtorita` Marittima ghal drittijiet tal-port (port dues).

Fir-raba' grad: il-kreditu tal-Awtorita` Marittima ghal drittijiet ta' pilutagg (pilotage dues), drittijiet ta' rmigg (mooring services) u port workers' dues

Fil-hames grad: il-kreditu tal-istralcjarji ghall-pagament ta' crew and watchmen fees.

Fis-sitt grad: Il-kreditu tal-istralcjarji ghall-hlasijiet inkorsi fir-rigward ta' insurance premia, maintenance and repair costs, vessel shifting costs, class inspection, certification costs u berthing fees.

Fis-seba' grad: kreditu ta' €2,431,576.99 konsistenti f'avvizi ta' terminazzjoni ta' impieg u redundancy payments skont il-kuntratt ta' mpieg u interessi. Ma' dan zdied l-ammont ta' spejjez, drittijiet u VAT rigwardanti l-kawzi 49/06GV u 112/06JRM li bihom gew kanonizzati l-ammonti msemmija.

Fit-tmien grad: il-kreditu tal-Bank of Valletta plc konsistenti f'self kawtelat b'zewg ipoteki navali (mortgages) fuq il-bastiment.

Fid-disa' grad: il-kreditu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), li skont il-Qorti huwa kreditu semplici li mhumiex privileggat.

3. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset il-varji krediti tal-kredituri kif jirrizulta minn pagna 7 sa 9 tas-sentenza appellata u waslet ghal konkluzjoni illi l-krediti privileggjati kellhom jigu meqjusa b'referenza ghal dak li jrid l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 li jirrigwarda krediti privileggjati fuq bastiment liema artikolu qed jigi riprodott f'din is-sentenza tenut kont tal-appelli interposti. Dan l-artikolu jghid kif gej:

“Il-krediti specifikati hawn taht jigu garantiti permezz ta’ privilegg specjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dhul minn xi indennizz li jinholoq minn kollizjonijiet u disgrazzji ohra maghdud kull dhul mill-assigurazzjoni:

“(a) spejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jgib;

“(b) drittijiet u spejjez ohra dovuti taht dan l-Att lir-registratur ta’ bastimenti Maltin;

“(c) drittijiet ta’ tunnellagg;

“(d) is-salarji, l-ispejjez ghal assistenza, irkupru jew salvatagg, u ghal drittijiet ta’ bdoti;

“(e) il-hlas ta’ gwardjani u l-ispejjez ta’ ghassa tal-bastiment minn x’hin jidhol fil-port sal-bejgh;

“(f) il-kera tal-imhazen fejn jigu merfughin l-armar u l-ghodda tal-bastiment;

“(g) l-ispejjez maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tieghu maghduda spejjez ta’ provisti u provizjonijiet ghall-ekwipagg tieghu maghmula wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port;

“(h) is-salarji u ammonti ohra dovuti lill-kaptan, ufficjali u ekwipagg iehor tal-bastiment ghar rigward tal-impieg taghhom fuq il-bastiment, inkluza kull nefqa ghar-rimpatriju u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni socjali li jithallsu ghalihom;

“(i) danni u imghaxijiet dovuti lil xi bahri ghal mewt jew korriment tal-persuna u spejjez li jsir f’konnessjoni mal-marda, weggha jew korriment ta’ xi bahri;

“(j) il-flus li jkollhom jiehdu akkreditati ghal xoghlijiet, xoghol ta’ haddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu:

“Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;

“(k) drittijiet ta’ agenzija tal-bastimenti dovuti ghall-bastiment wara l-ahhar dhul tieghu fil-port, skont it-tariffi tal-port, u kull infieq maghmul matul dak il-perijodu li ma jgawdix privileggi fil-paragrafi (a) sa (i), ghalkemm f’kull kaz ghal somma totali ta’ mhux izjed minn erbat elef unit;

"(l) il-flus mislufa lill-kaptan ghall-bzonnijiet tal-bastiment matul l-ahhar vjagg u r-rimborz tal-prezz tal-merkanzija mibjugha minnu ghall-istess hsieb;

"(m) il-flus li jkollhom jiehdu il-kredituri ghal provizjonijiet, hwejjeg ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu:

"Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;

"(n) id-danni u l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu lin-nolleggaturi ghal nuqqas ta' kunsinna tal-merkanzija mghobbija, u ghall-avariji li jkunu batew f'dik il-merkanzija bi htija tal-kaptan jew tal-ekwipagg;

"(o) id-danni u l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu lil bastiment iehor jew lit-taghbija tieghu fil-kazijiet ta' kollizjoni ta' bastimenti;

"(p) il-kreditur specifikat fl-Artikolu 2009(d) tal-Kodici Civili ghall-bilanc tal-prezz mill-bejgh tal-bastiment."

4. Minn din il-procedura appellaw l-ekwipagg Emanuel Azzopardi et, u d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u l-istess Direttur Generali ressaq appell incidentali.

5. Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu mid-digriet tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar 2014 (cioe` tal-istess data tal-provvediment wara l-konkors) fejn skont hu l-korrezzjoni fl-okkju kien ifisser tibdil fil-mertu tal-konkors minn wiehed fil-konfront tas-socjeta` Sea Malta Limited ghal wiehed limitat biss fil-konfront tal-vapur mibjugh. Fil-mertu u marbut mal-appell incidentali li ghamel id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed jibni l-aggravju tieghu fuq il-pretensjoni li l-kreditu tieghu hu privileggjat ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406 li mhux mittiefes mill-Kap. 234. Fil-mori tal-

proceduri d-Direttur Generali ressaq rikors ghal korrezzjoni (fol. 87 tal-process) fejn talab li l-kliem 'thassar u tirrevoka' tigi miftehma fis-sens li 'tbiddel' id-decizjoni tal-ewwel Qorti biex il-kreditu tieghu jippregradwa dak tal-kredituri l-ohra.  Ghalkemm ma jidhirx li dan ir-rikors gie degretat hu car illi l-kliem uzat fir-rikors tal-appell kien lapsus u t-talba fl-appell qed tigi miftehma fis-sens mitlub fir-rikors tal-korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

6. L-ekwipagg ressaq appell b'aggravju wahdieni fir-rigward tal-port workers' dues li skont huma mhux privileggjati taht l-Artikolu 50(d) tal-Kap. 234.

7. Il-kredituri l-ohra resqu biss risposta mill-appelli mressqa.

8. L-istralcjarji ta' Sea Malta Company Limited irrimettew ruhhom ghal mertu pero` opponew ghat-talba tal-appellanti li l-ispejjez tal-ewwel istanza u l-appell jithallsu mill-istralcjarji u dan peress illi l-ispejjez ghandhom jigu allokati lil parti li ikkontestat u tilfet il-vertenza partikolari. Ziedu li t-talbiet fl-okkju jirrifletti l-vertenza proprja cioe` jekk il-klassifikazzjoni ta' bastiment hix separata mill-bqija tal-assi ta' sid u jaqblu mad-decizjoni tal-ewwel Qorti.

9. L-Awtorita` ghat-Trasport ikkontestat l-aggravju tal-appellanti Azzopardi et li l-port workers' dues mhux privileggjati u jsostnu li huma privileggjati a bazi tal-Artikolu 50(d) tal-Kap. 234.

10. Il-Bank of Valletta li llum assuma l-atti flok u l-Ministru tal-Finanzi in forza ta' digriet tal-11 ta' Marzu 2016 sostna li l-appelli ghandhom jigu michuda.

**Appell incidentali tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u appell fil-mertu tal-istess.**

11. Il-Qorti ser tibda billi tqis l-appell incidentali tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fejn tirrigwarda t-talba tieghu li jigi revokat contrario imperio d-digriet tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar 2014 ghaliex qed isostni li inbidel il-mertu tal-konkors tal-kredituri. Fi ftit kliem l-appellant qed isostni li l-konkors kien dwar il-kredituri tal-assi tas-Sea Malta limited f'subbasta fl-ismijiet **Emanuel Azzopardi et v. Sea Malta Limited** numru 48/06 wara mandat ta' qbid numru 422/06 fl-istess ismijiet. Sfiq ma' dan l-aggravju d-Direttur isostni illi qua kreditur tas-Sea Malta Limited hu jgawdi minn privilegg ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406 u jippregradwa kull kreditur iehor. Hu jsostni l-argument tieghu b'dan il-mod:

> "l-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla interpretat u applikat hazin l-art. 62 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid hekk:

"Il-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-atliv li jaghmel sehem mill-attivita ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodici Civili

"Illi, kif kien diga spjega l-esponent appellant fir-rikors tieghu pprezentat fl-atti tal-konkors odjern, il-kreditu tal-esponent jirrizulta minn avviz mahrug fis-16 ta' April 2006, lill-istracljari tas-socjeta` Sea Malta Limited.

"Illi dak l-avviz kien gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fit- 2 ta' Mejju, 2006, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud vs Av. Dott. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcjarji ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Sea Malta Co Ltd (C2764).

"Illi sahansitra l-esponent appellant kien ukoll iskriva privilegg specjali kontra dik is-socjeta` bin-numru 10080/06 li kopja hi esebita f'dawn l-atti bhala Dok. GC3 mal-affidavit ta' George Catania.

"Illi mhemmx dubbju li l-bastiment M.V. Maltese Falcon kien jifforma parti mill-attiv tal-attivita ekonomika tas-socjeta` Sea Malta Limited.

"Illi ghalhekk isegwi mill-art. 62 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-esponent appellant kellu privilegg specjali wkoll fuq il-bastiment M.V. Maltese Falcon li kien jifforma parti mill-assi tas-socjeta` Sea Malta Limited qabel il-bejgh tieghu in subbasta.

"Illi meta mbaghad ir-rikavat tas-subbasta msemmija gie depozitat fir-Registru tal-Qrati, dak ir-rikavat - ghalkemm mhux taht il-kontroll ta' dik is-socjeta` — baqa' jifforma parti mill-attiv tas-socjeta` Sea Malta Limited liema rikavat issa jinsab ghad-disposizzjoni tal-krédituri taghha skond kif jigi deciz mill-Onorabbli Qrati (Ara sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Crown Hotels Limited, rik. Nru. 565/2010, tas-26 ta' Settembru, 2013).

"Illi ai termini tal-art. 62 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, isegwi li l-esponent appellant igawdi minn privilegg specjali fuq dak ir-rikavat, liema privilegg specjali hu kien sahansitra iskriva fir-Registru Pubbliku kif diga nghad.

"Illi mhux talli l-kreditu tieghu jgawdi minn privilegg specjali, izda wkoll l-art. 62 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li t-taxxa dovuta ghandha tithallas 'bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmifl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodici Civili'.

"Illi dan 'minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra'

"l-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta gie fis-sehh WARA l-Kap. 234 tal-istess ligijiet, u ghalhekk mhemm l-ebda dubbju li l-legislatur kellu l-intenzjoni li d-disposizzjonijiet tal-ewwel ligi kellhom jigu applikati minkejja dak li jipprovdi l-Kap. 234.

> "Illi wkoll il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tan-natura fiskali tieghu, ghandu jitqies bhala ligi specjali li ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni wiesgha tad-disposizzjonijiet taghha: lex specialis derogat lex generalis u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 406 huma superjuri ghal dawk id-disposizzjonijiet ta' natura generali li jinstabu f'xi ligi ohra."

12. In kwantu ghall-aggravju konness mad-digriet tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar 2014, din il-Qorti tqis li tali aggravju hu bla mertu. Dak li ghamlet l-ewwel Qorti biz-zieda fl-okkju kif jidher mill-istess okkju ma kien xejn hlief li ipprecizat u kjarifikat x'wassal ghal konkors tal-kredituri u l-provvediment moghti. Hu minnu illi l-atti tal-qbid bdew mill-ekwipagg fil-konfront tal-kumpanija li timpjegahom, pero` c-cedola ta' depozitu 608/2006 tal-prezz tal-vapur M/V Maltese Falcon proprjeta` tal-istess socjeta` Sea Malta maghmul minn Malta Motorways of the Seas Limited sar wara l-bejgh b'subbasta tal-istess vapur liema subbasta ggib in-numru 48/2006. Il-konkors tal-kredituri infetah precizament fl-isfond u b'konsegwenza diretta rigward ir-rikavat mill-bejgh tal-vapur M/V Maltese Falcon. L-okkju jirrispekkja dan kollu fattwalment. Ebda pregudizzju ma gie rekat lil ebda kreditur bl-okkju kif jidher wara d-digriet tat-28 ta' Frar 2014 billi l-kwistjoni legali dwar il-pregradwazzjoni tal-kredituri skont il-ligi applikabbli hi wahda li ittiehdet kont mill-kredituri kollha kif jidher mis-sottomissjonijiet taghhom u mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

13. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

14. Marbut ma' dan l-aggravju hemm l-aggravju principali fil-mertu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Hi l-fehma tieghu li r-rikavat mill-bejgh tal-vapur hu fl-ahhar mill-ahhar assi jew parti mill-attivita ekonomika ta' Sea Malta u kwindi jappartjeni lis-socjeta` Sea Malta u ghalhekk japplika l-Artikolu 62 tal-Kap. 406 kif riprodott aktar il-fuq f'din is-sentenza. Izidu li dan l-artikolu ma jaghmilx eccezzjoni ghal Kapitolu 234 izda jispecifika eccezzjoni wahda biss cioe` kreditu skont l-Artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kap. 16.

15. Il-Qorti tqis li d-Direttur mhux korrett f'dan l-argument. Il-Kap. 406 jghid hekk dwar attivita ekonomika msemmija fl-Artikolu 62:

> "2.(1) "Attivita ekonomika" ghandha t-tifsira lilha moghtija fl-artikolu 5
>
> "oggetti li jaghmlu parti minn attività ekonomika" tfisser oggetti, inkluz kapital fiss, uzat minn persuna taxxabbli ghall-ghan tal-attività ekonomika tieghu;
>
> "5.(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) attività ekonomika tfisser attività gestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jagixxi bhala tali, u li tkun tikkonsisti f'wiehed jew izjed minn dan li gej:
>
> "(a) xi negozju jew kummerc;"

16. Dan hu artikolu generiku li jitratta tifsira guridika ta' dak li hu kompriz fl-Artikolu 62. L-Artikolu 37A(1) tal-Kap. 234 invece jaghti t-tifsira ta' bastiment u x'isehh meta jkun hemm falliment tas-sid kif inhu dan il-kaz. Dan l-artikolu jghid hekk:

"Bastimenti u bcejjec ohra tal-bahar jikkostitwixxu klassi partikolari ta' mobbli li bihom jiffurmaw assi separati u distinti fil-proprjetà tas-sidien taghhom ghall-garanzija tal-azzjonijiet u krediti li ghalihom ikun suggett il-bastiment. F'kaz ta' falliment ta' sid ta' bastiment, l-azzjonijiet u l-krediti kollha, li ghalihom ikun suggett il-bastiment, ghandhom, fuq l-istess bastiment, preferenza fuq id-djun l-ohra kollha tal-mara. (Il-kelma 'mara' mhix cara fit-tifsira u fil-verzjoni Ingliza tal-artikolu l-kelma hi 'estate')."

17. L-argument tad-Direttur ifalli f'dan il-kaz billi l-vapur li nbiegh bis-subbasta jaqa' fid-definizzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kap. 234 u ma jitqiesx bhala parti mill-attivita ekonomika tas-sid izda assi separat u distint ghal garanzija tal-azzjonijiet u krediti li ghalihom ikun suggett il-bastiment u tali krediti ghadhom preferenza fuq id-djun l-ohra kollha tal-fallut.

18. Kuntrarjament ghal dak li jsostni d-Direttur, il-Kap. 234 fl-artikolu fuq citat hi l-ligi specjali li tidderoga mill-prinicpju fl-Artikolu 62 tal-Kap. 406. Il-vapur hu klassifikat u jitqies distint mill-assi tal-attivita ekonomika tal-fallut fil-Kap. 406 ghal fini ta' preferenza fuq krediti dovuti fuq l-istess vapur. Il-bastiment hu patrimonju separat u jikkostitwixxi assi sui generis fic-cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 37 tal-Kap. 234 minn dak tal-fallut ai fini tal-Kap. 406. Interpretazzjoni differenti tkun qed tpoggi f'periklu wiehed mis-sisien principali tad-dritt marittimu fejn jikkoncerna krediti privileggjati fuq vapur. Dan kollu gia gie rifless fis-sentenza **Emanuel Azzopardi et v. Sea Malta Company Limited**, (App 06/04/2006) fejn fost osservazzjonijiet ohra intqal:

Kif sewwa osservaw ir-rikorrenti appellati, anke jekk il-privilegg taghhom jigi rikonoxxut fil-gradwazzjoni tal-kredituri, xorta wahda, taht il-ligi tal-kumpaniji jidhlu qabilhom certi kredituri bhala huma l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u d-Dipartiment tal-VAT, u sahansitra l-istess stralcjarji, mentri kieku kellha ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri wara bejgh in subbasta tal-vapur, dawn lanqas biss ma jigu konsidrati

19. Ghalhekk l-appell incidentali u l-appell fil-mertu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed jigi michud.

**Appell ta’ Emanuel Azzopardi et**

20. Fil-mori tal-appell il-Ministru tal-Finanzi talab li jassumi l-atti flok l-appellanti Azzopardi et ai termini tal-Artikolu 810A wara li gie surrogat fid-drittijiet taghhom kollha skont skritturi annessi.

21. Ghalkemm ma jidhirx li r-rikorsi fil-konfront ta’ kull appellant membru tal-ekwipagg gew degretati l-Qorti qed tilqa’ t-talba tieghu u tordna l-korrezzjoni tal-okkju biex jirrifletti dan. Tipprovdi pero` billi tichad it-talba tieghu ghal Pierre Caruana (fol. 129A tal-atti tal-appell) billi ma jidhirx fl-okkju tal-proceduri.

22. L-appellanti Azzopardi qed jilmentaw minn parti wahda biss mis-sentenza u cioe` li l-kreditu tal-Awtorita` Marittima llum Awtorita` ghat-

Trasport f'Malta fl-ammont ta' €990,993.40 fir-rigward tal-port workers' dues mhux privileggjat taht l-Artikolu 50(d) tal-Kap. 234 billi ma jaqa' taht ebda wahda mir-ragunijiet li ghalihom japplika l-privilegg. Huma jsostnu li l-ammont mhux dovut lil Awtorita` izda semmai lil haddiema tal-port u li parti mill-ammont lanqas jinkwadra ruhu taht port workers' dues ghax il-hlas kellu jigi versat fil-pensions and contingency fund.

23. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta jghidu illi l-ammont hu privileggjat taht is-subinciz (d) bhala 'spejjez ghall-assistenza' peress li l-ammont jirreferi ghal drittijiet ta' haddiema tax-xatt ghal xoghol ta' taghbija u hatt ta' merkanzija maghmula minnhom. Skont l-Avviz Legali 90 tal-1993 maghmul taht il-Kapitolu 171, l-Awtorita` tigbor qua amministratrici t-tariffi minghand l-agenti/sidien tal-bastimenti u thallashom in parti direttament lil haddiema tax-xatt u in parti jitpoggew fil-pension and contingency fund ghal beneficcju tal-haddiema tax-xatt. L-Awtorita` ssostni li dawn l-ammonti gia thallsu minnha lil haddiema tax-xatt. Issostni li t-taghbija u hatt ta' merkanzija hi intrinsikament marbuta mal-operat tal-bastiment in kwistjoni u minghajr l-assistenza tal-haddiema tax-xatt dan ma jsirx.

24. Jibda biex jinghad li l-Artikolu 50(d) tal-Kap. 234 iqis bhala privileggati "is-salarji, l-ispejjez ghall-assistenza, irkupru jew salvatagg, u ghad-drittijiet tal-bdoti".

25. Il-kwistjoni kollha hi jekk jistax jinghad illi s-servizz ta' taghbija u hatt tal-merkanzija tistax titqies bhala spejjez ghall-assistenza. Fil-fehma

tal-Qorti l-appellanti ghandhom ragun f'dan l-aggravju billi dak li qed jipprospetta s-subinciz (d) tal-Artikolu 50 huma ammonti dovuti u relatati direttament mal-vapur innifsu specjalment fil-kliem uzati cioe` assistenza, irkupru u salvatagg u huma kwalifikati bhala spejjez inkorsi favur il-vapur ghal tali ragunijiet. Ir-rabta mal-Artikolu 50(d) f'dan l-aspett hu element ta' ghajnuna moghti lil vapur fl-interess tal-istess vapur. Il-hatt u taghbija ta' merkanzija mhix assistenza lil vapur izda hlas ghal servizz moghti ghal fuq jew minn fuq bastiment. Fejn riedet tispecifika hlasijiet partikolari l-ligi ghamlitu meta semmiet 'salarju' u 'drittijiet ta' bdoti' u l-fatt li ma semmietx drittijiet tal-haddiema tax-xatt ghat-taghbija jew hatt tal-merkanzija kemm jekk hu hlas dovut direttament ghas-servizz moghti jew biex jitqieghdu f'pension and contingency fund hu indikattiv tal-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil dan is-subinciz. Maghdud dan il-Qorti tqis illi l-kreditu tal-Awtorita` Marittima llum Awtorita` tat-Trasport mhux wiehed privileggjat ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 234 izda wiehed semplici u ghandu jippregradwa wara dak tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) billi dan tal-ahhar ghandu privilegg ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406.

**Decide**

26. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichad l-appell u l-appell incidentali tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), tilqa' l-appell tal-Ministru tal-Finanzi li assuma l-atti flok l-

appellanti Azzopardi et u kwindi tvarja l-gradwazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fil-provvediment tat-28 ta' Frar 2004 billi jitnehha mir-raba' grad 'il-port workers dues' fl-ammont ta' disa' mija u disghin elf Ewro, disa' mija tlieta u tletin u erbghin centezmu (€990,933.40) liema kreditu ghandu jitqies bhala kreditu semplici mhux munit bi privilegg skont l-Artikolu 50 tal-Kap. 234 u jitqieghed fl-ghaxar grad wara l-kreditu dovut lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).  Ghal bqija tikkonferma l-provvediment tal-ewwel Qorti.

Spejjez tal-ewwel grad jibqghu kif deciz u spejjez tal-appell maghmul mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jithallsu minnu filwaqt li l-ispejjez tal-appell tal-appellanti Azzopardi et jithallsu mill-Awtorita` ghat-Trasport.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm